MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2023

Appell Inferjuri Numru 73/2022 LM

**Joseph Mary Gauci (K.I. 639450M)**
*('ir-rikorrent')*

***vs.***

**Direttur Servizzi tal-Kummerċ**
*('l-intimat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur Servizzi tal-Kummerċ** [hawnhekk 'l-intimat'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzjar [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tat-2 ta' Ġunju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Bord laqa' l-appell tar-rikorrent **Joseph Mary Gauci (K.I. 639450M)** [hawnhekk 'ir-rikorrent'] limitatament billi filwaqt li rrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur intimat u estenda l-ħinijiet tal-liċenzja tal-

fond kummerċjali sal-04:00am, ordna li fil-ħin ta' bejn is-01:00am u l-04:00am ir-rikorrent għandu jillimita l-imwejjed fuq barra għal spazju taħt il-loġoġ biss, u mill-bqija għandu josserva l-kundizzjonijiet l-oħra tal-liċenzja li diġà kellu, kif ukoll id-dettami tal-liġi speċjalment fir-rigward tad-daqq ta' mużika fuq barra, fis-sens li l-ebda mużika m'għandha tinstema' mit-triq fl-ebda ċirkostanza wara l-11:00pm.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent Joseph Mary Gauci, sid il-fond kummerċjali 'L'Accademia Snack Bar' li jinsab f'Shop 1, Bieb il-Belt, Valletta [hawnhekk 'l-istabbiliment'], ressaq appell quddiem il-Bord wara li fit-13 ta' Settembru, 2021, id-Dipartiment tal-Kummerċ (Servizzi ta' Kummerċ) iddeċieda li t-talba tar-rikorrent għal estensjoni fil-ħinijiet tal-fond kummerċjali tiegħu sal-04:00am kellha tiġi miċħuda, u dan minħabba l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent ġie nfurmat mill-intimat li t-talba tiegħu ġiet rifjutata għaliex iż-żona in kwistjoni mhijiex meqjusa bħala żona ta' divertiment, u għaliex hemm numru sinifikanti ta' residenti joqogħdu fl-inħawi li jilmentaw kull darba li xi stabbiliment fl-inħawi joħloq inkonvenjent bl-istorbju. Ir-rikorrent spjega li huwa s-sid tal-fond kummerċjali magħruf bħala 'L'Accademia Snack Bar', li huwa kopert b'liċenzja tal-kummerċ, u li kien qiegħed jinfetaħ bejn is-07:00am u s-01:00am. Spjega li huwa jdoqq il-mużika fil-ħinijiet permessi mil-liġi, jiġifieri sal-11:00pm, u wara dan il-ħin il-mużika tieqaf. Ir-rikorrent qal li minkejja li l-

oġġezzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva ġiet imsejsa fuq il-premessa li l-inħawi mhumiex żona ta’ divertiment, huwa magħruf li m’hemm l-ebda definizzjoni ġenerali, konkreta, u/jew legali ta’ x’jikkostitwixxi żona ta’ divertiment, u għalhekk it-tifsira li tingħata lil dan il-kunċett hija waħda suġġettiva. Qal li huwa diffiċli li wieħed jinnega li l-post fejn jinsab dan l-istabbiliment huwa f’żona ta’ divertiment, għaliex fl-istess inħawi jinġabru numru ta’ nies, hemm fondi kummerċjali ta’ terzi, u tiġi ġġenerata attività relatata mad-divertiment. Qal ukoll li huwa surreali li jingħad li fond li jinsab ftit metri biss bogħod mid-daħla ta’ belt kapitali, ma jitqiesx bħala fond li qiegħed f’żona ta’ divertiment, partikolarment meta fl-inħawi hemm fondi kummerċjali oħra, kemm tal-ikel u xort’oħra, li huma ffrekwentati minn eluf ta’ persuni kuljum. Qal li huwa għahekk li ma jaqbilx li ż-żona in kwistjoni mhijiex żona ta’ divertiment. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa lanqas ma jaqbel mal-parti tad-deċiżjoni fejn il-permess mitlub minnu ġie miċħud minħabba fl-ilmenti tar-residenti fil-madwar. Qal li l-ħin tal-għeluq tal-fond huwa s-01:00am, u f’dak il-ħin u fis-sigħat ta’ qabel, mhux permess daqq ta’ mużika. Qal ukoll li fl-aħħar snin qatt ma kien hemm inċident fejn klijent jew patrun tal-fond ħoloq xi inkonvenjent għall-pubbliku wara l-ħinijiet permessi għall-ftuħ, u għalhekk huwa m’għandux ikun miżmum milli jdum miftuħ għal għadd żgħir ta’ sigħat aktar milli qiegħed idum miftuħ fil-preżent. Qal ukoll li huwa qatt ma ġie avviċinat jew ġie mħarrek mill-Pulizija fuq allegazzjonijiet, ilmenti, u/jew akkużi magħmula kontra tiegħu marbuta mal-istorbju fil-fond. I-rikorrent qal li għalhekk il-Pulizija ma kellhiex toġġezzjona għall-applikazzjoni tiegħu sempliċement għaliex seta’ kien hemm nuqqasijiet possibilment imwettqa minn terzi fl-inħawi. Ir-rikorrent qal ukoll li f’każ li m’hemm l-ebda rabta bejnu u l-illegalità u n-nuqqas ta’ osservanza tar-

regolamenti, il-Pulizija m'għandhiex tuża n-nuqqasijiet imwettqa minn terzi sabiex twaqqaf lilu milli jikseb estensjoni li hija fid-dritt tiegħu, ladarba l-liġi tipprovdi għal opportunità bħal din. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa dejjem segwa l-liġijiet u/jew struzzjonijiet li minn żmien għal żmien ġew mgħarrfa lilu, kemm fir-rigward ta' ħinijiet tal-ftuħ, u kif ukoll fir-rigward tal-ħin li fih għandha tieqaf il-mużika. Qal ukoll li l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ma ressaq l-ebda oġġezzjoni għat-talba tiegħu. Ir-rikorrent għalhekk talab lill-Bord ibiddel id-deċiżjoni tad-Direttur intimat fejn l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata, filwaqt li jagħti d-direzzjonijiet opportuni lid-Direttur intimat li jista' jqis xieraq sabiex tiġi riveduta l-imsemmija deċiżjoni.

4. L-intimat Direttur tal-Kummerċ wieġeb għal dan billi qal li d-deċiżjoni meħuda minnu ttieħdet skont il-liġi, speċifikament skont ir-regolament 6(2) u r-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.08 'Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji'. Qal li l-fatt li l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ma ressaq l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet tar-rikorrent huwa irrilevanti, għaliex il-liġi tispeċifika liema huma l-entitajiet governattivi li jistgħu joġġezzjonaw għall-ħruġ ta' permessi bħal dawn. Qal li wara li r-rikorrent issottometta l-applikazzjoni għall-estensjoni tal-liċenzja, saret konsultazzjoni mid-Dipartiment tas-Servizzi tal-Kummerċ mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, u mal-Kummissarju tal-Pulizija, u fit-3 ta' Settembru, 2021, is-Supretendent Victor Aquilina għan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija ressaq oġġezzjoni għat-talba tar-rikorrent. Ir-raġunijiet għal din l-oġġezzjoni kienu li ż-żona in kwistjoni mhijiex meqjusa bħala żona ta' divertiment, kif ukoll li fl-inħawi hemm numru sinifikanti ta' residenti li jilmentaw kull darba li xi stabbiliment jikkawża inkonvenjent bl-istorbju. Id-Direttur intimat spjega li huwa rrifjuta l-

applikazzjoni tar-rikorrent minħabba f'dawn l-oġġezzjonijiet tal-Pulizija, u dan kif inhu obbligat li jagħmel skont ir-regolament 6(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.08. Id-Direttur intimat żied jgħid li ladarba huwa jirċievi oġġezzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija *ai termini* tar-regolament 6(3), huwa m'għandu l-ebda għażla għajr li jirrifjuta l-applikazzjoni għall-estensjoni tal-ħin tal-ftuħ. Qal ukoll li l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hija ġustifikata. Id-Direttur intimat spjega wkoll li filwaqt li ma teżisti ebda definizzjoni ta' x'inhi 'żona ta' divertiment', wieħed jifhem li anki fil-kuntest ta' talba għall-ħruġ tal-permess għall-estensjoni tal-ħin tal-ftuħ, din tirreferi għal ambjent ta' '*night* life', u għalhekk wieħed irid jevalwa jekk iż-żona tal-madwar hijiex ambjent li jippermetti ftuħ sa ċerti ħinijiet. Qal li r-rikorrent fir-rikors tal-appell tiegħu spjega li fl-inħawi hemm il-Parlament, it-Teatru miftuħ u numru ta' ristoranti, iżda dawn ma jistgħux jitqabblu ma' *clubs, bars,* diskoteki u ambjenti simili. Id-Direttur intimat qal li għalhekk id-deċiżjoni meħuda hija korretta u ġustifikata fiċ-ċirkostanzi, u għalhekk għandha tiġi kkonfermata.

5. Ir-rikorrent **Joseph Mary Gauci** ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Bord, fejn spjega li huwa jopera l-istabbiliment tiegħu flimkien mat-tliet itfal tiegħu u r-raġel ta' bintu. Qal li l-istabbiliment jiftaħ fis-07:00am u jagħlaq fis-01:00am, u l-klijenti dejjem ġejjin u sejrin fil-ħanut. Spjega li fi tmiem il-ġimgħa jkun hemm il-kantanti fil-ħanut, u l-mużika ddum sal-11:00pm, filwaqt li żied jgħid li minkejja li l-ħanut idum miftuħ sas-01:00am, mal-kwarta ta' filgħodu jibda t-tindif. Ir-rikorrent spjega li huwa jixtieq itawwal il-ħin tal-operat tan-negozju għaliex l-ispejjeż huma kbar.

6. **Amanda Cassar** in rappreżentanza tad-Direttur intimat, spjegat li meta fid-Dipartiment tidħol applikazzjoni bħal dik li għamel ir-rikorrent, l-ewwel ma ssir hija verifika mal-Awtorità tat-Turiżmu sabiex jiġi kkonfermat li l-liċenzja tal-istabbiliment hija waħda regolari. Jiġi vverifikat ukoll li l-liċenzja hija waħda attiva, u li m'hemmx pendenti drittijiet rilevanti tal-liċenzja. Qalet ukoll li tintbagħat *email* lill-Pulizija sabiex jiġi vverifikat jekk hemmx xi oġġezzjonijiet dwar l-istabbiliment. Qalet li jekk ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni fi żmien sittin ġurnata, id-Dipartiment iqis li m'hemm l-ebda oġġezzjoni għall-applikazzjoni, u għalhekk l-applikazzjoni tiġi aċċettata. Qalet ukoll li meta jkun hemm oġġezzjoni, minkejja li d-Dipartiment mhux obbligat jidħol fil-mertu tar-raġunijiet għar-rifjut, l-oġġezzjoni tiġi notifikata lill-applikant. Ix-xhud qalet li ġewwa l-Belt Valletta hemm bejn 12 u 15-il stabbiliment li għandhom estensjoni tal-ħinijiet, u l-ebda wieħed minn dawn l-istabbilimenti m'huwa fl-inħawi tal-istabbiliment tar-rikorrent.

7. **Is-Supretendent Victor Aquilina**, xehed li l-Pulizija għamlet l-oġġezzjonijiet tagħha għall-applikazzjoni tar-rikorrent. Spjega li meta d-Dipartiment tal-Kummerċ jinnotifika lill-Pulizija bl-applikazzjoni li tkun daħlet, huwa jivverifika l-post fejn qiegħed, u jivverifika wkoll jekk fuq l-istabbiliment ikunux saru xi rapporti. Qal li f'dan il-każ huwa oġġezzjona għaliex l-istabbiliment ma jinsabx f'żona ta' divertiment, kif ukoll minħabba l-ilmenti tal-ġirien, għaliex huwa jikkonsidra l-Belt Valletta bħala żona residenzjali u mhux *entertainment area*. Ix-xhud qal ukoll li huwa rċieva żewġ ilmenti direttament dwar dan l-istabbiliment, u li kellhom jinħarġu akkużi għaliex il-persuna li nstab li kien qiegħed jopera l-istabbiliment ma kienx kopert b'liċenzja ta' *substitute.*

Qal ukoll li filwaqt li l-Kunsill Lokali ta permess għad-daqq ta' mużika sal-11:00pm, sar rapport li mill-istabbiliment kienet tinstema' mużika f'nofs il-lejl.

8. **Gabriella Agius**, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta xehdet li hija qatt ma kellha rapporti dwar l-istabbiliment in kwistjoni, u l-Kunsill Lokali ma kellu ebda problema li joħroġ ittra fejn jgħid li ma kellu ebda oġġezzjoni għall-applikazzjoni tar-rikorrent għall-estensjoni tal-ħinijiet tal-operat tal-istabbiliment.

9. **Clifford Gauci**, iben ir-rikorrent xehed li huwa jieħu ħsieb l-istabbiliment in kwistjoni, fosthom id-divertiment fil-post, u jieħu ħsieb il-permessi u l-impjegati. Qal li l-aħħar ordni tal-ikel tittieħed fl-10:30pm u fil-kwarta jibdew jinġabru l-affarijiet sabiex il-ħanut ikun jista' jagħlaq sas-01:00am. Qal li filgħodu jkun hemm *background music,* filwaqt li fi tmiem il-ġimgħa jkun hemm mużika *live.* Qal ukoll li l-ħin tal-għeluq kif inhu fil-preżent, qiegħed joħloq inkonvenjent għaliex sa dak il-ħin jkun għad għandhom il-klijentela fil-ħanut, u l-applikazzjoni għall-estensjoni tal-ħinijiet saret sabiex huma jkunu jistgħu jnaddfu u jippreparaw il-ħanut għall-ġurnata ta' wara b'mod trankwill.

10. **Brian Montebello**, Direttur tas-Servizzi tal-Kummerċ fl-*affidavit* tiegħu qal li meta d-Dipartiment irċieva l-applikazzjoni għall-estensjoni tal-ħin tal-għeluq tal-istabbiliment, huwa rrefera t-talba lill-Pulizija u lill-Awtorità tat-Turiżmu kif stabbilit fir-Regolament 6(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.08. Spjega li d-Dipartiment irċieva oġġezzjoni mingħand il-Pulizija, u kien għalhekk li t-talba tar-rikorrent ġiet rifjutata. Ix-xhud spjega li l-liġi tobbligah jirrifjuta applikazzjoni għall-estensjoni tal-ħin f'każ li l-Kummissarju tal-Pulizija

joġġezzjona għal dan fiż-żmien stipulat, u żied jgħid ukoll li huwa m'għandu l-ebda diskrezzjoni jaċċettax applikazzjonijiet bħal dawn jew le. Qal li fil-każ odjern, ladarba l-oġġezzjoni tal-Pulizija waslet fiż-żmien stipulat, huwa kellu rrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

11. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-2 ta' Ġunju, 2022, il-Bord laqa' l-appell tar-rikorrent limitatament billi rrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur intimat, u estenda l-ħin tal-liċenzja sal-04:00am, filwaqt li ordna li fil-ħin ta' bejn is-01:00am u l-04:00am ir-rikorrent għandu jillimita l-imwejjed fuq barra għall-ispazju ta' taħt il-loġoġ biss, filwaqt li ġie ordnat josserva l-kundizzjonijiet l-oħra tal-liċenzja eżistenti u tad-dettami tal-liġi, u dan wara li l-Bord għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ikkonsidra:*
>
> *Illi l-Bord għarbel sewwa x-xhieda u s-sottomissjonijiet tal-partijiet u ħaseb fit-tul dwar dan l-appell. Il-Belt tippreżenta bosta diffikultajiet għaliex essendo li hija belt residenzjali u fl-istess ħin qed issir dejjem iktar post ta' divertiment u ħwienet, wieħed irid iżomm bilanċ bejn id-drittijiet tar-residenti għall-kwiet u l-mistrieħ tagħhom minn banda waħda, u d-drittijiet tan-negozjanti min-naħa l-oħra li jkunu għamlu investiment sostanzjali u jkunu jridu li tali investiment irendi. Hemm ukoll mill-banda l-oħra n-neċessità li jkollok postijiet ta' divertiment li huma essenzjali kemm għall-benefiċċju tas-soċjetà in ġenerali kif ukoll biex tissaħħaħ l-industrija tat-turiżmu. Mhemmx għalfejn wieħed ifakkar illi sa ftit snin ilu wara s-7.00pm kienu jagħlqu l-ħwienet kollha u l-Belt kienet tkun mejta mentri llum il-ġurnata s-sitwazzjoni hija ferm differenti. Dan il-ħsieb fil-fatt insibuh anke fis-sentenza ta' dan il-Bord diversament presjedut fl-ismijiet* ***Dr William Cuschieri vs Direttur Servizzi tal-Kummerċ*** *fejn applikazzjoni għal estensjoni tal-ħin sal-4.00am għal bar bl-isem Yard 32 fi Strada Stretta ġiet milqugħa.*

*Illi għalhekk il-Bord qed isib ruħhu f'diffikultà sabiex jidentifika liema huma l-partijiet tal-Belt fejn hemm iktar residenzi u l-partijiet l-oħra aktar konnessi ma' negozju u divertiment. Fl-istess ħin il-Bord ma jistax jinjora l-fatt illi diġà kien hemm numru ta' stabbilimenti li għandhom estensjoni tal-ħin. Il-Bord ma jistax ikun hu li joħloq sitwazzjoni anomala fejn fl-istess akkwata jkun hemm stabbilimenti li għandhom estensjoni tal-ħin u oħrajn li m'għandhomx.*

*Illi l-Bord in effetti jħoss li wasal iż-żmien li tiġi mfassla policy għall-Belt wara konsultazzjoni mal-entitajiet kollha interessati.*

*Illi fil-frattemp huwa l-Bord li jrid jiddeċiedi. Il-funzjoni tiegħu ġiet ben spjegata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet* ***Rouvin Zammit Apap pro et noe vs Direttur Servizzi tal-Kummerċ*** *(fn. 1 deċiża fl-14 ta' Lulju, 2021 (Appell Inferjuri Numru 22/2021LM)****:***

> *"*Mid-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu (fn. 2 is-subartikolu 6(3) tal-Kap. 441) ma jirriżultax illi, u dan għall-kuntrarju tas-setgħat limitati tas-Sezzjoni Liċenzji tal-Kummerċ, il-Bord huwa marbut b'xi mod fl-għoti tad-deċiżjoni tiegħu, għajr għall-fatt li huwa għandu jipprovdi r-raġunijiet għaliha. Wara li stħarreġ il-fatti li fuqhom sejjes l-oġġezzjoni tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizija, u sab li waħda mit-tliet raġunijiet mogħtija minnu kienet tidher ġustifikata, jiġifieri li fil-viċinanzi kien hemm dgħajjes li fuqhom kienu jgħixu n-nies u li l-istorbju ser iwassal sabiex jikkawża fastidju lilhom, il-Bord għadda sabiex laqa' l-appell tal-appellant billi llimita l-kummerċ tal-fond sabiex dan ma jistax iservi klijenti fuq barra u lanqas jippermetti l-użu tal-imwejjed fuq barra. B'hekk il-Qorti tqis li l-Bord ottempera ruħhu b'mod sodisfaċenti mal-liġi. Għaldaqstant isib li l-aggravju tad-Direttur appellat mhux ġustifikat u tiċħdu."

*Illi fil-każ in eżami l-istabbiliment ftit li xejn għandu spazju ġewwa u allura ma jistax jordna li l-attività tiġi ristretta fuq ġewwa tal-ħanut. Mill-banda l-oħra l-Bord ma jistax jinjora r-residenti li jgħixu fl-appartamenti sovrastanti l-ħanut in kwistjoni li skont is-Supretendent Aquilina jlaħħqu mal-għoxrin. Il-Bord ikkonsidra però mhuwiex qiegħed ġo triq dejqa però ġol-pjazza fejn hemm il-parlament u għalhekk m'hemmx il-periklu li l-kliem tan-nies jirbombja 'l fuq. Il-Bord ikkonsidra wkoll illi n-numru ta' rapporti li saru fuq il-ħanut in kwistjoni huwa numru żgħir u għalhekk jidher li l-appellant huwa persuna pjuttost affidabbli. Il-Bord apprezza wkoll il-fatt illi, peress illi l-ħanut jinsab ġol-loġoġ is-saqaf tal-loġoġ ser iservi biex jikkontjeni l-ħsejjes ġol-loġoġ u jnaqqas allura l-inkonvenjent għar-residenzi li qegħdin 'il fuq mil-loġoġ. Jekk wara s-1am l-imwejjed jisporġu 'l barra mil-loġoġ però l-ħsejjes tad-diskors tan-nies żgur ser itellef il-mistrieħ tan-nies tal-appartamenti sovrastanti. Finalment il-Bord qies*

*ukoll in-nuqqas ta' oġġezzjoni tal-Kunsill Lokali dwar l-estensjoni in kwistjoni u dak illi rriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tal-istess Kunsill ossia l-fatt illi qatt ma sema' ilmenti dwar il-ħanut in kwistjoni.*

*Għaldaqstant, meħud in konsiderazzjoni dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Bord jilqa' l-appell limitatament fis-sens illi, filwaqt illi jirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur appellat u jestendi l-ħinijiet tal-liċenzja sal-4:00am, jordna illi fil-ħin ta' bejn is-1:00am u l-4:00am l-appellant għandu jillimita l-imwejjed fuq barra għall-ispazju ta' taħt il-loġoġ biss u mill-bqija għandu josserva l-kundizzjonijiet l-oħra tal-liċenzja eżistenti kif ukoll id-dettami tal-liġi speċjalment għal dak li jirrigwarda daqq ta' mużika fis-sens illi l-mużika fl-ebda ċirkostanza wara l-11:00pm m'għandha tinstema' mit-triq."*

## <u>L-Appell</u>

12. Id-Direttur intimat, appella mid-deċiżjoni tal-Bord permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fl-20 ta' Ġunju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-appell tiegħu billi tirriforma d-deċiżjoni appellata tat-2 ta' Ġunju, 2022, u tħassarha fejn laqgħet l-appell tar-rikorrent, u minflok tikkonferma d-deċiżjoni tal-intimat tat-13 ta' Settembru, 2021, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat.

13. L-intimat spjega li huwa ħassu aggravat għaliex ma teżisti l-ebda raġuni skont l-artikolu 6(2) tal-Kap. 441 tal-Liġijiet ta' Malta għalfejn id-deċiżjoni tiegħu kellha tiġi rrevokata mill-Bord. Qal li appell jista' jiġi intavolat quddiem il-Bord għal erba' raġunijiet ewlenin, u ċioé minħabba li jkun sar żball materjali dwar il-fatti, ikun hemm żball materjali proċedurali, ikun sar żball tal-liġi, jew ikun hemm illegalità materjali, inkluż ir-raġonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalità. Qal li fil-każ odjern, bid-deċiżjoni tiegħu li jirrifjuta t-talba tar-rikorrent, huwa m'għamel l-ebda żball materjali proċedurali u l-ebda żball tal-liġi. Qal li dan jirriżulta ċar mill-korrispondenza tad-Direttur intimat mal-

Awtorità tat-Turiżmu f'Malta u mal-Kummissarju tal-Pulizija, u fil-fatt kien dan tal-aħħar li ressaq l-oġġezzjoni tiegħu. Qal li huwa aderixxa *ad unguem* mal-proċedura amministrattiva maħsuba fir-Regolamenti 6(2) u 6(3) tar-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji. Qal li mill-provi miġjuba quddiem il-Bord m'għandu jirriżulta lanqas li kien hemm xi żball materjali dwar il-fatti jew li d-deċiżjoni ta' rifjut kienet irraġonevoli jew sproporzjonata, meta wieħed iqis ir-raġunijiet li għalihom il-Kummissarju tal-Pulizija ressaq l-oġġezzjoni tiegħu.

14. L-intimat saħaq li r-rifjut abbażi tal-konsiderazzjoni li l-inħawi mhumiex żona ta' divertiment, għandu jitqies fid-dawl tal-attività li dan l-istabbiliment jista' jiġġenera bejn is-01:00am u l-04:00am, u mhux b'riferiment għall-attività li jiġġenera dan l-istabbiliment matul il-ġurnata. Qal li quddiem il-Bord tressqet prova dwar sebgħa u għoxrin stabbiliment li għandhom estensjoni tal-ħin tal-ftuħ ġewwa l-Belt Valletta, u x-xhud tad-Dipartiment intimat spjegat ukoll li l-aktar stabbiliment viċin tar-rikorrent li għandu estensjoni tal-ħin tal-ftuħ huwa l-McDonalds ta' Triq ir-Repubblika. Qal li għalhekk dan jikkontradixxi r-raġunament tal-Bord, li qal li ma jistax jinjora l-fatt li hemm numru ta' stabbilimenti li għandhom estensjoni tal-ħin tal-ftuħ. L-intimat qal li ladarba fl-inħawi tal-istabbiliment mertu ta' dawn il-proċeduri m'hemmx stabbilimenti oħra li għandhom permess jiftħu sal-04:00am, huwa raġonevoli li jingħad li l-akkwati ta' madwar Bieb il-Belt jinżammu f'żona fejn il-ħwienet ma jibqgħux miftuħa sal-04:00am.

15. B'riferiment għat-tieni konsiderazazjoni li wasslet għall-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-intimat qal li mix-xhieda tas-Supretendent Aquilina

rriżulta li fil-passat saru ilmenti minn residenti minħabba storbju ġej proprju minn dan l-istabbiliment, u l-istess Supretendent fil-fatt ippreżenta rapporti oħra li saru minn residenti fl-inħawi minħabba fl-istorbju, għalkemm dan ma kienx neċessarjament ġej mill-istabbiliment tal-rikorrent. Qal li għalhekk ma jifhimx għal liema raġuni l-Bord ikkonsidra li f'dan il-każ m'hemmx riskju li l-kliem tan-nies jirbombja 'l fuq, jew li dwar dan l-istabbiliment kien hemm numru żgħir ta' rapporti, jew li s-saqaf tal-loġoġ ser iservi biex jikkontjeni l-ħsejjes mil-loġoġ u jnaqqas l-inkonvenjent għar-residenti, għaliex il-provi prodotti quddiem il-Bord jikkontradixxu dan. Qal li l-konsiderazzjoni tal-ilmenti tar-residenti li jgħixu fl-inħawi, aktar u aktar dawk li saru speċifikament dwar l-istabbiliment in kwistjoni, ma jistgħux iwasslu għal deċiżjoni ta' rifjut li hija materjalment żbaljata jew irraġonevoli. Qal li għalhekk il-Bord ma setax jasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni tad-Direttur intimat kienet barra mill-parametri tal-artikolu 6(2) tal-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ.

16. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, id-Direttur intimat jgħid li l-Bord mar *ultra vires* fid-deċiżjoni tiegħu, partikolarment meta dan eżerċita diskrezzjoni u *vires* tal-Eżekuttiv. Spjega li d-deċiżjoni appellata, minflok tissindaka l-legalità u r-raġonevolezza tad-deċiżjoni tiegħu, tagħmel apprezzament amministrattiv li jispetta lill-awtoritajiet konċernati. Id-Direttur intimat qal li l-funzjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzjar hija waħda ta' reviżjoni amministrattiva, u għalhekk il-Bord m'għandux il-*vires* li jidħol fiż-żarbun tad-*decision maker* li huwa organu amministrattiv, u jissostitwixxi d-diskrezzjoni tiegħu għal dik tal-Eżekuttiv. Id-Direttur intimat qal li l-Bord m'għandux jiddeċiedi huwa stess jekk jilqgħax jew jiċħadx talba għall-estensjoni tal-ħin tal-kummerċ, u lanqas m'għandu jiddeċiedi li tali liċenzja għandha tingħata taħt kundizzjonijiet mhux

ikkontemplati fil-liġi. Id-Direttur intimat qal li l-ġurisprudenza tagħna dejjem qieset li meta ġudikant jiġi biex jistħarreġ għemil amministrattiv, il-kompetenza tiegħu hija limitata sabiex jordna li tittieħed deċiżjoni li tħassar dik l-istess deċiżjoni, u dwar jekk dik id-deċiżjoni tkunx saret *ric et ricte,* jew inkella tkunx waħda irraġonevoli. Qal li l-ġudikant iżda ma jistax jieħu deċiżjoni hu minflok l-awtorità kompetenti.

17. Id-Direttur intimat qal li l-artikolu 6(4) tal-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ jipprovdi wkoll li skont dawn il-prinċipji ta' stħarriġ ġudizzjarju, meta jkun qed jiddeċiedi appell, il-Bord jista' jiċħad l-appell, jew jannulla d-deċiżjoni u jirreferi l-kwistjoni lill-awtorità regolatorja relattiva jew lill-Kunsill Lokali skont il-każ. Qal li għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord hija *ultra vires* u dan skont il-prinċipji ġenerali tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, u skont l-artikoli 6(2) u 6(4) tal-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ.

18. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, id-Direttur intimat jgħid li l-Bord għamel ħażin li kkunsidra n-nuqqas ta' oġġezzjoni mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta. Qal li tali konsiderazzjoni hija għal kollox infondata, għaliex il-leġislatur ma jirrikjedix li jkun hemm il-kunsens tal-Kunsill Lokali, iżda biss dak tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Awtorità tat-Turiżmu f'Malta, *ai termini* tar-regolament 6 tar-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji. Żied jgħid li għalhekk il-Kunsill Lokali ma kellux jingħata poter li l-liġi ma ttihx, u l-Kunsill Lokali ma kellux jitpoġġa fl-istess livell ta' awtoritajiet li fil-liġi għandhom il-*vires* jieħdu deċiżjoni fir-rigward tal-estensjonijiet tal-ħinijiet tal-kummerċ.

**Ir-Risposta tal-Appell**

19. Ir-rikorrent wieġeb li l-Bord kien ġust fid-deċiżjoni tiegħu rigwardanti l-estensjoni tal-ħin tal-ftuħ, u li tali parti tad-deċiżjoni appellata timmerita konferma, għalkemm ir-rikorrent ressaq ukoll appell inċidentali mill-parti tad-deċiżjoni appellata li mponiet xi kundizzjonijiet fuqu.

20. Ir-rikorrent qal li kuntrarjament għal dak li jgħid id-Direttur intimat fl-ewwel aggravju tiegħu, kien sar żball materjali dwar il-fatti li wasslu biex issir l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan għaliex kienet din is-sitwazzjoni li wasslet sabiex ikun hemm l-appell quddiem il-Bord. Qal li l-liġi tippermetti appell minn deċiżjoni tad-Direttur intimat mhux biss f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm żball materjali proċedurali, iżda wkoll meta jkun hemm żball materjali dwar il-fatti. Ir-rikorrent żied jgħid li filwaqt li huwa m'għandu l-ebda dubju li d-Direttur intimat mexa kif kien mistenni li jagħmel meta għadda sabiex jagħti d-deċiżjoni tiegħu, dan ma jfissirx illi r-raġunijiet li wasslu biex ikun hemm oġġezzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija kienu fattwalment sostnuti, ġusti jew raġonevoli, jew li tali deċiżjoni ma kinitx waħda żbaljata. Qal li r-raġunijiet għall-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ma ġewx ippruvati b'mod sodisfaċenti, u għalhekk il-Bord ta deċiżjoni li hija ġustifikata fir-rigward, u din il-Qorti m'għandhiex tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi. Ir-rikorrent qal ukoll li appell minn deċiżjoni tal-Bord għandu jsir biss fuq punt ta' liġi.

21. Ir-rikorrent qal li mingħajr preġudizzju għal dan, għandu jirriżulta li r-raġunijiet mogħtija mill-Kummissarju tal-Pulizija xorta waħda ġew ċarament u inekwivokalment ippruvati li ma kinux veritiera, u għalhekk kien hemm żball materjali li wassal għar-rifjut tat-talba għall-estensjoni tal-ħinijiet tal-ftuħ. Qal

li l-konsiderazzjoni li l-istabbiliment tiegħu ma jinsabx f'żona ta' divertiment ma tagħmilx sens, u din id-deċiżjoni ttieħdet b'mod soġġettiv. Qal ukoll li din id-definizzjoni ma tistax tiġi limitata għal ħin speċifiku matul il-ġurnata. Ir-rikorrent qal ukoll li mal-introduzzjoni tat-Tielet Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.08, li tagħmel riferiment għal numru ta' toroq f'Malta li jistgħu jibqgħu bil-mużika sas-siegħa ta' filgħodu minflok sal-ħdax ta' filgħaxija, tinkludi Triq ir-Repubblika, fil-Belt Valletta, fejn huwa għandu l-istabbiliment tiegħu. Qal li għalhekk ma jistax jingħad li l-istabbiliment tiegħu ma jinsabx f'żona ta' divertiment, kif qiegħed jiġi allegat. Qal ukoll li minkejja li d-Direttur intimat għamel riferiment għal xi rapporti jew akkużi li saru fil-konfront tiegħu, meta huwa tressaq quddiem il-Qorti Kriminali huwa kien ġie liberat għaliex ma nstabx ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Qal li għalhekk anki t-tieni raġuni għar-rifjut mogħtija mill-Kummissarju tal-Pulizija ma kinitx sostenibbli, u għandu jirriżulta li kien hemm żball materjali fil-fatti li wasslu sabiex ikun hemm rifjut da parti tad-Direttur intimat.

22. B'riferiment għat-tieni aggravju tad-Direttur intimat, ir-rikorrent qal li l-Bord kien ġust u kellu kemm il-fakultà kif ukoll il-kompetenza sabiex jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu. Qal li skont l-artikolu 6(4) tal-Kap. 441 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Bord għandu jew jiċħad l-appell jew inkella li l-kwistjoni tiġi riferuta lura lid-Direttur intimat, meta tinħoloq sitwazzjoni fejn il-proċess tal-appell minn deċiżjonijiet tad-Direttur intimat ma jibqax jagħmel sens. Qal li f'każ li d-Direttur intimat qiegħed jistenna li l-kwistjoni terġa' tiġi riferuta mill-Bord lid-Direttur intimat sabiex dan jieħu deċiżjoni, id-Direttur intimat ser ikun marbut li jerġa' jiċħad l-applikazzjoni tar-rikorrent, u dan għaliex minkejja li formalment d-Direttur intimat għandu *decision-making powers,* informalment dan mhux

minnu. Ir-rikorrent spjega li kwalunkwe talba għal estensjoni tal-ħinijiet ma tiġix deċiża mid-Direttur intimat iżda mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-MTA, u jekk xi waħda minn dawn l-entitajiet ikollha xi forma ta' oġġezzjoni, id-Direttur intimat m'għandux mod kif jevalwa u/jew imur kontra tali oġġezzjoni. Qal li għalhekk l-aggravju li l-Bord mar *ultra vires* fid-deċiżjoni tiegħu toħloq inkonsistenza legali ma' dak maħsub mil-leġislatur meta pprovda għall-possibilità ta' appell minn deċiżjonijiet tad-Direttur intimat.

23. B'riferiment għat-tielet aggravju tad-Direttur intimat, ir-rikorrent qal li huwa ma jaqbel xejn mal-argument li ladarba l-oġġezzjoni tal-Kunsilli Lokali mhijiex rekwiżit li għandha titqies fid-deċiżjoni dwar l-għoti ta' estensjoni tal-ħinijiet, il-Bord qatt ma messu ta piż lid-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali. Qal li minkejja li dak li kellu xi jgħid il-Kunsill Lokali f'dan ir-rigward, ma kienx rekwiżit għat-talba għall-estensjoni tal-ħinijiet, din id-dikjarazzjoni ġiet prodotta mir-rikorrent quddiem il-Bord bħala parti mill-provi sabiex jissostanzja l-fatt li kien sar żball materjali tal-fatti li wasslu għar-rifjut tat-talba tiegħu. Żied jgħid li f'dan il-każ il-Bord ħa konsiderazzjoni ta' diversi fatturi oħra li taw lok għad-deċiżjoni appellata. Ir-rikorrent qal li m'hemm l-ebda limitazzjoni imposta mil-liġi dwar x'evidenza u/jew argumenti jistgħu jitressqu quddiem il-Bord sabiex jissostanzjaw l-argument tar-rikorrent, u lanqas mhemm xi limitazzjoni dwar kif il-Bord għandu jasal għad-deċiżjonijiet tiegħu.

**L-Appell Inċidentali**

24. Ir-rikorrent spjega li huwa xorta waħda ħass ruħhu aggravat minn parti mid-deċiżjoni appellata, u għalhekk ipprevalixxa ruħhu mill-appell prinċipali

interpost mid-Direttur intimat, sabiex jappella minn parti mid-deċiżjoni appellata. Permezz tal-aggravju tiegħu, ir-rikorrent jgħid li l-Bord ma kellux is-setgħa li jimponi kundizzjonijiet, jiġifieri ma setax jordna li fil-ħin bejn is-01:00am u l-04:00am ir-rikorrent għandu jillimita l-imwejjed fuq barra għall-ispazju ta' taħt il-loġoġ, u mill-kumplament josserva l-kundizzjonijiet l-oħra kollha tal-liċenzja eżistenti, kif ukoll tad-dettami tal-liġi, speċjalment fir-rigward tad-daqq tal-mużika.

25. Ir-rikorrent għamel riferiment għat-Tielet Skeda tal-Liġi Sussidjarja 441.08, li tipprovdi għal żoni f'Buġibba, Qawra, Paceville u l-Belt Valletta fejn ebda daqq ma jista' jinstema' minn barra l-post wara s-01:00am minn Triq ir-Repubblika, fost l-oħrajn. Qal li tenut kont tat-tibdil fil-liġi, għalhekk din il-parti tad-deċiżjoni appellata għandha tiġi emendata sabiex huwa jingħata l-fakoltà li jdoqq mużika sas-01:00am minflok sal-11:00pm, jew kwalunkwe ħin ieħor kif tipprovdi l-liġi. Qal li anki l-kundizzjoni li tillimita t-tqegħid tal-imwejjed u siġġijiet għal spazju partikolari taħt il-loġoġ, hija waħda li timponi limitazzjoni sproporzjonata, għaliex l-istabbiliment ġestit minnu ma jilqgħax imwejjed fuq ġewwa. Qal li għalhekk b'din il-kundizzjoni, il-Bord qiegħed ixejjen l-effettività tal-estensjoni kif milqugħa fid-deċiżjoni tiegħu stess, u qiegħed jonqos milli jirrispetta l-bilanċ sħiħ li għandu jinħoloq bejn l-interessi kummerċjali u dawk residenzjali.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

26. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-partijiet, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

*L-ewwel aggravju:* *[l-ebda raġuni għalfejn id-deċiżjoni tad-Direttur intimat kellha tiġi rrevokata mill-Bord]*

27. Id-Direttur intimat spjega li hemm erba' raġunijiet għalfejn persuna tista' tappella mid-deċiżjoni tiegħu quddiem il-Bord, senjatament meta jkun hemm żball materjali dwar il-fatti, meta jkun hemm żball materjali proċedurali, meta jkun hemm żball ta' liġi, u meta jkun hemm illegalità materjali, li tinkludi kwistjonijiet marbuta mar-raġonevolezza u l-proporzjonalità tad-deċiżjoni mogħtija. L-intimat qal li fil-każ odjern għandu jirriżulta li d-deċiżjoni tiegħu kienet waħda korretta legalment u proċeduralment, u li huwa osserva l-prinċipji proċedurali *ad unguem,* fosthom billi talab lill-Awtorità ta' Malta għat-Turiżmu u lill-Kummissarju tal-Pulizija jispeċifikaw jekk kellhomx xi oġġezzjoni għat-talbiet tar-rikorrent. Qal li kien il-Kummissarju tal-Pulizija li oġġezzjona għar-raġunijiet li ġew speċifikati minnu, u f'dak il-punt huwa ma kien għad fadallu l-ebda diskrezzjoni sabiex jilqa' t-talbiet tar-rikorrent, għaliex hekk kif daħlet l-oġġezzjoni tal-Kummisarju tal-Pulizija, huwa kellu ta' bilfors jirrifjuta it-talbiet tar-rikorrent. Fuq kollox qal li dan ir-rifjut min-naħa tiegħu la kien irraġonevoli u lanqas ma jista' jingħad li kien sproporzjonat, kemm għaliex l-attività kummerċjali li r-rikorrent qiegħed jippretendi li jitħalla jiġġestixxi sal-04:00am hija differenti minn dik li titmexxa matul il-ġurnata, kif ukoll għaliex lill-Kummissarju tal-Pulizija rriżultalu li kien hemm xi rapporti fil-konfront tal-istabbiliment li jmexxi r-rikorrent. Id-Direttur intimat qal li l-Bord għamel għadd ta' konsiderazzjonijiet li huma irrilevanti qabel wasal għad-deċiżjoni tiegħu, u fi kwalunkwe każ il-Bord ma setax jikkonkludi li d-deċiżjoni tad-Direttur intimat ittieħdet 'il barra mill-parametri tal-artikolu 6(2) tal-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ.

28. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern ma jistax jintgħad li d-Direttur intimat ma mexiex mal-proċedura stabbilita fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.08 sabiex wasal għad-deċiżjoni ta' rifjut li sar l-appell minnha quddiem il-Bord. Fil-fatt l-artikolu 6(2) u (3) ta' din il-Leġislazzjoni Sussidjarja jistipula illi:

> "(2) Is-sid jew il-*manager* ta' xi post kummerċjali kif imsemmi hawn qabel, għandu japplika bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzji tal-Kummerċ bil-għan li jġib awtorizzazzjoni biex jestendi l-ħin ta' negozju għal dak il-post kummerċjali. Is-Sezzjoni Liċenzji tal-Kummerċ għandha fi żmien sebat ijiem ta' xogħol minn meta tirċievi din l-applikazzjoni, tikkonsulta mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta biex tara jekk id-drittijiet rilevanti tal-liċenzja fir-rigward ta' dak il-post kummerċjali humiex imħallsa u għandha titlob ukoll l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija biex jiġi estiż il-ħin ta' negozju tal-post kummerċjali.
>
> (3) Fil-każ li, matul iż-żmien imsemmi ta' sittin ġurnata l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta tindika li d-drittijiet tal-liċenzja fir-rigward tal-post kummerċjali ma jkunux imħallsa jew fl-eventwalità li l-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien imsemmi joġġezzjona għall-estensjoni tal-ħin tan-negozju, dik l-estensjoni m'għandhiex tingħata."

29. Ir-rikorrent qal li huwa appella mid-deċiżjoni tal-Bord għaliex fil-fehma tiegħu kien il-Kummissarju tal-Pulizija li ma kienx materjalment korrett meta oġġezzjona għall-applikazzjoni li saret minnu, wara li dan qies li ż-żona li fiha jinsab l-istabbiliment tal-apellat mhijiex żona ta' divertiment, u wara li qies ukoll li r-residenti fl-inħawi ġieli ilmentaw mill-istorbju, għalkemm mhux neċessarjament dak iġġenerat mill-istabbiliment tar-rikorrent.

30. Kien kompitu tal-Bord għalhekk li jevalwa jekk id-deċiżjoni li ħa d-Direttur intimat kinitx ġustifikata u raġonevoli, meta wieħed iqis li ladarba kien hemm l-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, id-Direttur intimat ma kellu l-ebda diskrezzjoni sabiex jaċċetta t-talba li saret mir-rikorrent. Huwa minnu li l-kliem

tal-liġi huwa tassattiv, u l-leġislatur ried li f'każ ta' oġġezzjoni da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija *'l-estensjoni m'għandhiex tingħata'*, iżda l-Qorti tirrileva li din l-interpretazzjoni ristretta tal-liġi tirrendi l-funzjoni tad-Direttur intimat għal dik ta' *rubber-stamp* ta' dak li jkun iddeċieda l-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti taqbel li l-aġir tad-Direttur intimat kien wieħed proċeduralment korrett, iżda dan ma jfissirx li d-deċiżjoni tiegħu ma kellhiex tiġi mistħarrġa mill-Bord ladarba ir-rikorrent ħassu aggravat bid-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħu. Dak li kellu jissindaka l-Bord għalhekk ma kienx jekk id-deċiżjoni tad-Direttur intimat kinitx raġonevoli jew le, għaliex id-Direttur ma kellu l-ebda diskrezzjoni x'jeżerċita fit-teħid ta' din id-deċiżjoni. Il-Bord kellu jqis jekk ir-raġunijiet mogħtija mill-Kummissarju tal-Pulizija għar-rifjut tat-talba tar-rikorrent humiex raġonevoli u proporzjonati jew le, meta wieħed jikkonsidra l-provi fl-assjem tagħhom.

31. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern, minkejja li l-istabbiment tar-rikorrent jagħti għal fuq Triq ir-Repubblika, u jinsab ftit passi bogħod minn Bieb il-Belt, mill-Parlament u mit-Teatru l-Imwaqqa', madanakollu l-istabbiliment jinsab f'kumpless ta' bini li primarjament jintuża għal skopijiet residenzjali. Mill-provi jirriżulta li l-eqreb stabbiliment li għandu liċenzja sabiex ikun jista' jdum miftuħ sas-sigħat bikrin ta' filgħodu, huwa l-istabbiliment McDonalds, li qiegħed 'l isfel sew minnu u li għandu faċċata direttament għal fuq Triq ir-Repubblika. Il-Qorti tqis li ma kien hemm xejn li mhux raġonevoli jew veritier fir-raġunijiet li ngħataw mill-Kummissarju tal-Pulizija għall-oġġezzjoni għall-estensjoni tal-ħin tal-ftuħ mitluba mir-rikorrent, għaliex iż-żona li jinsab fiha l-istabbiliment in kwistjoni, minkejja li hija parti minn ċentru kummerċjali fil-ħinijiet ta' matul il-ġurnata, jgħixu fiha wkoll diversi residenti, uħud minnhom bir-residenza tagħhom

sovrastanti l-loġoġ li taħthom hemm l-imwejjed u siġġijiet tal-istabbiliment mertu ta' dawn il-proċeduri. F'dan ir-rigward ma jistax jingħad li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ż-żona in kwistjoni mhijiex waħda ta' divertiment, m'għandhiex mis-sewwa, għaliex filwaqt li huwa minnu li jrid jintlaħaq bilanċ bejn l-interessi tar-residenti u dawk tan-negozji f'lokalità bħal ma hija l-Belt Valletta, ma jistax jiġi miċħud li l-parti fejn hemm l-istabbiliment tar-rikorrent hija waħda primarjament residenzjali, b'diversi negozji ta' bejgħ bl-imnut li jirrestrinġu l-attività kummerċjali tagħhom għall-ħinijiet ta' matul il-ġurnata. Għaldaqstant il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel aggravju tad-Direttur intimat, għaliex filwaqt li huwa minnu li r-rikorrent kellu kull dritt jappella quddiem il-Bord mid-deċiżjoni tad-Direttur intimat, madanakollu l-Bord ma kellux jasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni tad-Direttur intimat ma kinitx skont dak li tipprovdi l-liġi. Il-Bord kellu juża biss it-test tar-raġonevolezza sabiex jasal għad-deċiżjoni tiegħu, u f'dan il-każ il-Qorti hija tal-fehma li l-Bord naqas milli jikkonsidra li d-Direttur intimat kellu jdejh imsaħħin bl-oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, li fl-oġġezzjoni tiegħu ta raġunijiet, li fil-fehma ta' din il-Qorti kienu ferm raġunati, għalfejn l-applikazzjoni tar-rikorrent kellha tiġi miċħuda. Il-Qorti hawnhekk mhijiex ser tidħol fil-mertu dwar jekk hux minnu li kien hemm xi rapporti dwar dan l-istabbiliment, għaliex mill-provi prodotti mhuwiex ċar jekk il-passi li ttieħdu kontra s-*substitute* li nstab fil-ħanut ittieħdux abbażi ta' xi rapport li sar. Li jirriżulta huwa li fl-akkwati hemm residenti li l-inkonvenjent tal-istorbju jdejjaqhom u ġustament jilmentaw dwaru, u għalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija qies li ladarba hemm persuni residenti fl-istess binja fejn jinsab dan l-istabbiliment, il-jeddijiet ta' dawn ir-residenti għandhom jiġu mħarsa. Għaldaqstant tqis li l-ewwel aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *[id-deċiżjoni tal-Bord hija* ultra vires*]*

32. Id-Direttur intimat jgħid li l-Bord mar oltre l-funzjoni tiegħu meta għamel diversi konsiderazzjonijiet fejn issostitwixxa d-diskrezzjoni u l-*vires* tal-Eżekuttiv b'dawk tiegħu. Qal li s-sentenza mogħtija ma tissindakax ir-raġonevolezza u l-proporzjonalità tad-deċiżjoni, iżda tagħmel apprezzament amministrattiv li kellu jispetta lill-entitajiet governattivi u mhux lill-Bord.

33. Il-Qorti hawn ma taqbilx ma' dak li qiegħed jissottometti d-Direttur intimat, għaliex il-Bord kellu ta' bilfors jagħmel għadd ta' konsiderazzjonijiet sabiex jasal għad-deċiżjoni tiegħu, għaliex altrimenti kien isir l-ilment li d-deċiżjoni tal-Bord mhijiex immotivata kif titlob il-liġi. Li ma setax jagħmel il-Bord huwa li jissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Eżekuttiv bid-deċiżjoni tiegħu, tant hu hekk li l-artikolu 6(4) tal-Kap. 441 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord jista' jew jiċħad l-appell, jew inkella jannulla d-deċiżjoni u jirreferi l-kwistjoni lill-awtorità regolatorja rilevanti, jew lill-Kunsill Lokali skont il-każ. Ir-rikorrent jikkontendi li fil-każ odjern ma jkunx jagħmel sens li l-Bord jibgħat l-atti lura quddiem l-awtorità regolatorja, ladarba kienet tat id-deċiżjoni li l-estensjoni mitluba mir-rikorrent ma tingħatax. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li meta jinqalgħu sitwazzjonijiet simili, fejn Bord tal-Appelli jew saħansitra din il-Qorti tal-Appell, ma jkunux jaqblu ma' xi deċiżjoni li tkun ingħatat, għandhom jingħataw r-raġunijiet għal tali nuqqas, u l-atti għandhom jintbagħtu lura lill-awtorità regolatorja sabiex din tagħraf tiddeċiedi mill-ġdid. Naturalment id-deċiżjoni li l-awtorità regolatorja tintalab tagħti mill-ġdid trid tieħu konsiderazzjoni tar-raġunament mogħti mill-Bord jew mill-Qorti tal-Appell li tkun irrimandat l-atti lura, u ma tistax sempliċement tikkonferma deċiżjoni

mogħtija preċedentement li minnha jkun diġà sar appell, kif isostni r-rikorrent. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu.

*It-tielet aggravju:* *[il-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali]*

34. Id-Direttur intimat qal li l-Bord kien żbaljat meta kkunsidra li l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ma kien ressaq l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet tar-rikorrent, għaliex il-liġi tispeċifika li l-uniċi entitajiet pubbliċi li għandhom jiġu kkonsultati meta huwa jkollu quddiemu talbiet bħal dawn, huma l-Awtorità tat-Turiżmu u l-Kummissarju tal-Pulizija.

35. Il-Qorti tqis li minkejja li r-rappreżentanta tal-Kunsill Lokali ttellgħet tixhed, u minkejja li l-Kunsill Lokali ma oġġezzjonax għat-talbiet tar-rikorrent, b'daqshekk ma jfissirx li l-Bord bbaża l-konsiderazzjonijiet tiegħu fuq dak li rakkomanda l-Kunsill Lokali. Il-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali kienet waħda mill-provi li ġew ikkonsidrati mill-Bord, iżda b'daqshekk ma jfissirx li l-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Belt ikkostitwiet il-prova finali li abbażi tagħha l-Bord iddeċieda li jilqa' t-talbiet tar-rikorrent. Il-Bord mhuwiex limitat fil-kwalità u fin-natura tal-provi li jisma', u r-rikorrent ingħata l-opportunità, kif kellu kull dritt li jingħata, li jressaq ix-xhieda u l-provi tiegħu, in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*L-Appell Inċidentali tar-rikorrent*

36. In vista tal-fatt li din il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel u t-tieni aggravju tad-Direttur intimat, bil-konsegwenza li qiegħed jiġi deċiż li l-estensjoni tal-ħinijiet

tal-ftuħ li applika għaliha r-rikorrent m'għandhiex tingħata, il-Qorti mhijiex ser tieħu konjizzjoni tal-aggravju sollevat mir-rikorrent fl-appell inċidentali tiegħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell ewlieni tad-Direttur intimat billi tilqa' l-ewwel u t-tieni aggravju tiegħu, u konsegwentement tirrevoka d-deċiżjoni appellata, tastjeni milli tieħu konjzzjoni tat-tielet aggravju tad-Direttur intimat, u tiċħad l-appell inċidentali tar-rikorrent.**

**Kull parti f'dan l-appell għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**